# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2021**

**Rikors Numru 100/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C 3177)**

**Vs**

**Michael Abela**
**(ID 335890M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti, bil-ġurament tar-rappreżentant tagħha Dr Claudia Muscat, talbet s-segwenti:

   1. *Illi in forza ta' kuntratt tas-26 ta' Awissu 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenut Michael Abela konsistenti f'self fis-somma ta' erbgħin elf ewro (€40,000.00) u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata 23 ta' Mejju 2013 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);*

   2. *Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu*

*mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet kemm tal-istess sanction letter kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf u sebgħin ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€45,070.23), dovuta in kwantu għal tmienja u tletin elf, erba' mija u wieħed u sebgħin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€38,471.68) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti sitt elef, ħames mija u tmienja u disgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€6,598.55) bħala imgħax ikkalkulat sas-27 ta' Jannar 2021 (Dok. C), oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-28 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi l-konvenut, għalkemm interpellat diversi drabi biex iħallas l-ammont dovut minnu, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 22 ta' Jannar 2019 li ġġib in-numru 103/2019 (Dok. D), baqa' inadempjenti;*

   *Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

   *(i) Tiddikjara illi l-konvenut Michael Abela m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien;*

   *(ii) Tiddikjara li l-istess konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf u sebgħin ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€45,070.23) dovuta kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-28 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   *(iii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' ħamsa u erbgħin elf u sebgħin ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€45,070.23), bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-28 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Jannar 2019 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-9 ta' Marzu 2021 il-kawża ġiet appuntata għat-12 ta' April 2021 fl-10.00am.

3. Rat illi fit-12 ta' Marzu 2021, l-intimat ġie notifikat fl-indirizz 18, Warda, Triq l-Armier, Żejtun, fejn l-atti ġew mgħoddija lil Cossiby Abela (ID 152103L).

4. Rat illi fit-12 ta' April 2021, deher l-intimat assist mill-konsulent legali tiegħu fejn għarraf lill-Qorti illi, għalkemm huwa ġie notifikat fl-indirizz fuq indikat, huwa ma kienx a korrent tal-proċeduri stante illi għandu inkwiet mal-familja tiegħu u ma huwiex qiegħed jgħix hemm.

5. Rat illi fit-12 ta' April 2021 il-Qorti akkordat żmien lill-intimat sabiex jippreżenta kopja tal-Karta tal-Identita' tiegħu.

6. Rat illi fit-13 ta' April 2021, l-intimat ippreżenta kopja tal-Karta tal-Identita' tiegħu fejn jidher illi l-indirizz uffiċjali tiegħu huwa 18, Warda, Triq l-Armier, Żejtun.

7. Rat illi fl-10 ta' Mejju 2021, il-konsulent legali ta' l-intimat irrinunzja l-patroċinju tiegħu.

8. Rat illi fit-18 ta' Mejju 2021, meta ssejħet il-kawża, l-intimat u/jew il-konsulent legali tiegħu ma dehrux, u l-Qorti ddikjarat li l-intimat kien kontumaċi.

9. Rat illi fit-18 ta' Mejju 2021 il-kawża ġiet differita għall-provi kollha rikorrenti.

10. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2021, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi l-ammont kien ghadu dovut u ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

11. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2021, l-intimat ma deherx.

12. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2021, abbażi tal-Artikolu 158 (10), il-Qorti, qabel ma tgħaddi biex tagħti s-sentenza, ikkonċediet żmien lill-intimat biex fiha jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tas-soċjeta' rikorrenti.

13. Rat illi, meta ssejħet il-kawża illum, l-intimat reġa' ma deherx u ma ressaq ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

14. Rat illi għalhekk, il-kawża kienet posposta għas-sentenza.

15. Rat illi l-Qorti ma għandha ebda raġuni għaliex ma tilqax it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiddikjara** illi l-konvenut Michael Abela m'onorax il-pagamenti miftiehma u b'hekk iddekada mill-benefiċċju taż-żmien;

**Tiddikjara** li l-istess konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf u sebgħin ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€45,070.23) dovuta kif fuq

spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-28 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tikkundanna** lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' **ħamsa u erbgħin elf u sebgħin ewro, u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€45,070.23)**, bl-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma mit-28 ta' Jannar 2021 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-Artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Jannar 2019 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, lkoll kontra l-konvenut.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**